MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1789/2004

**Talba Nru: 1789/04PBC**

**Charles Camilleri ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Rolling Road Services**

**Vs**

**Mario Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm631) rapprezentanti prezz ta` parts ta` vettura mixtrija mill-attur fl-interess tal-konvenut u kif ukoll hlas ghal servizz ta` *mechanic* fuq vetturi tal-konvenut maghmula mill-attur fuq inkarigu ta` l-istess konvenut u

dan skond kif jirrizulta minn Dok. A esebit ma` l-Avviz. Illi nonostante nterpellat ihallas anki permezz ta` ittra interpellatorja dan baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez billi l-ebda ammont m'huwa dovut mill-esponent lill-attur u dan billi fost ragunijiet ohra li sejrin jigu ppruvati waqt il-kawza, l-esponenti qatt ma nkariga lill-attur biex jixtrilu xi vettura, dejjem hallas bil-quddiem ghas-servizzi rezi mill-attur fil-konfront tieghu, ghal liema servizzi kien dejjem gie miftiehem il-prezz qabel u mhux minnu li l-attur ipprovda l-*parts* kollha li hu qed jallega li pprovda. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda ta` Charles Camilleri, Martin Camilleri u ta` Mario Cassar.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur jaghmel xoghol ta` *mechanic* u fix-xoghol tieghu anki jaghmel xoghol fuq vetturi tat-tlielaq. Il-konvenut huwa dilettant tat-tlielaq tal-vetturi u ghandu karozza li jtellaq biha li hija Honda Integra. Ghandu wkoll karozza Fiesta bin-numru ta` registrazzjoni KAV 331.

Il-konvenut ha l-vettura Fiesta KAV 331 ghand l-attur sabiex isir certu xoghol fuqha. Dwar dan l-attur qieghed jikkontendi li ghandu jithallas is-somma ta` hames mija u tmenin lira Maltin (Lm580) skond invoice number 7343 li ggib id-data 21 t`Ottubru, 2003 liema invoice tinkludi fiha xoghol fuq *diesel pump repair, rings, timing belts, gaskets, radiator fluid, bearings, gear oil* u *sleeving* tal-blokka.

F'Novembru 2003 hareg invoice iehor dwar *N20 kit with twin injectors* li sar fuq il-vettura tat-tlielaq, u cjoe` l-Honda Integra u dwar dan hemm invoice ta` erba` mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472).

Inoltre, l-attur jghid illi l-konvenut talbu biex jixtri diversi parts u fil-fatt kien halla mieghu depozitu ta` erba` mitt lira Maltin (Lm400) izda l-konvenut ma hax il-parts u dawn kwazi kollha nbieghu lil terzi hlief xi parts li, jew ikkonsenja lill-istess konvenut jew inkella ghadhom ghandu u dwar dan qieghed jitlob bilanc ta` mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm151).

Minn dawn it-tlett invoices l-attur naqqas is-somma ta` hames mitt lira Maltin (Lm500), cjoe` l-erba` mitt lira Maltin (Lm400) depozitu u mitt lira Maltin (Lm100) ohra li kien hallas il-konvenut biex b'hekk qieghed jikkontendi li ghandu jircievi s-somma ta` sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm631).

Il-konvenut da parti tieghu jghid illi huwa kien ilu snin jahdem ma` l-attur, izda fir-rigward tal-karozza Fiesta, malli huwa hadha, ftit granet wara din waqfet u spicca biex anki eventwalment hadha ghand *mechanic* iehor u dwar ix-xoghol maghmul fuq din il-Fiesta huwa jghid illi ma kienx minnu li l-*gaskets* kienu nbiddlu u lanqas ma kienu nbiddlu l-*oil seals* u inoltre l-*gear oil* ma messux inbidel u dwar il-*labour* qal illi kienu ftehmu mitt lira Maltin (Lm100) u mhux mija u disghin lira Maltin (Lm190). Dwar is-*sleeving* tal-blokka huwa jghid illi ftehmu mitt lira Maltin (Lm100) u mhux mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120). Ghalhekk huwa jsostni illi mill-ammont ta` hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) ghandha titnaqqas is-somma ta` disghin lira Maltin (Lm90) *labour*, ghoxrin lira Maltin (Lm20) tas-*sleeving* tal-blokka u kif ukoll il-partiti relattivi ghal *gear oil* u tal-*gaskets*.

Dwar din il-vettura l-konvenut jghid ukoll illi huwa nkorra certu spejjez biex igibha sew u fil-fatt esebixxa ricevuta bid-data tal-10 ta` Jannar, 2004 li huwa hallas lil Noel's Garage fl-ammont ta` tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm30.50c) u dan l-invoice jirrigwarda xoghol fuq *timing* u l-*crank shaft* u xi parts u *oil seal*.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi parti mis-sottomissjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha fis-sens illi ghalkemm it-Tribunal huwa sodisfatt li l-invoice ta` l-attur

huwa korrett, mill-banda ‘l ohra jidher car illi xi xoghol ma sarx kif suppost tant illi fiz-zmien relattivament qasir il-vettura regghet dahlet ghat-tiswija ghand *mechanic* iehor. Dan ghamel xoghlijiet li suppost kien gja` ghamel l-attur u ghal dan il-konvenut inkorra spiza ta` tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm30.50c) u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi mill-ammont ta` hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) ghandha titnaqqas is-somma ta` tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm30.50c).

Il-konvenut esebixxa diversi ricevuti ohra li huma bid-dati tat-2 ta` Marzu, 2004 ‘il quddiem u t-Tribunal huwa tal-fehma illi dawn m’ghandhomx jigu applikati fil-konfront ta` l-attur billi m’hemmx prova sufficjenti illi dawn ix-xoghlijiet gew necessitati minhabba xi htija jew tort ta` l-attur u dan partikolarment billi l-*mechanic* li ghamel ix-xoghlijiet, Noel Cutajar, ma telax jixhed biex jaghti spjegazzjoni aktar dettaljata dwar l-istess xoghlijiet u ghalhekk it-Tribunal m’huwiex konvint li hemm provi sufficjenti li jwassluh li jikkonkludi seneramentli dawn l-invoices ghandhom jigu mputati fil-konfront ta` l-attur.

It-tieni invoice ta` l-attur jikkoncerna l-*N20 kit with twin injectors* b’valur totali ta` erba` mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472). Il-konvenut jghid illi dan il-kont huwa esagerat izda ma jghidx kemm suppost ghandu jkun. Galadarba m’hemmx precizjoni aktar da parti tal-konvenut u ma tressqet ebda prova ex parte da parti tal-konvenut li bih il-konvenut jista` jipprova jikkonvinci lil dan it-Tribunal ghaliex dan l-invoice huwa esagerat, it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jaccetta dan l-ammont bhala wiehed dovut.

Finalment, l-attur qed jippretendi mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm151) dwar *pulley*, *mountings*, *31-1 multi-tooth wheel* u *Honda connector*. L-attur jghid illi l-*mountings* u l-*pulley* gew ikkonsenjati lill-konvenut u li l-konvenut stess kien wahhalhom fuq il-vettura tieghu izda milli jidher il-konvenut ma kienx sodisfatt b’dawn il-parts u t-tifel ta` l-attur qallu li jekk ma kienx sodisfatt jirritornhom lura izda l-konvenut ghazel li jzommhom. Il-konvenut ma jistax l-ewwel jixtri oggett, izommhu f’idejh u mbaghad

jirrifjuta li jhallsu. Jekk il-konvenut ma kienx sodisfatt bl-oggett u ma riedx ihallas ghalih, huwa kellu l-obbligu li jirritornah jew jiddepozitah il-Qorti. Galadarba l-konvenut zamm l-affarijiet huwa obbligat li jhallas ghalihom.

Inoltre, ghar-rigward tal-*multi tooth wheel* u l-*head connector* ma jidhirx li dawn gew ikkonsenjati lill-konvenut u li ghadhom ghand l-attur. Huwa evidenti li minhabba li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet tkissru, t-Tribunal huwa tal-fehma li dawn l-affarijiet ghandu jzommhom l-istess attur u ma jistax jippretendi l-hlas taghhom. Wara kollox l-attur imputa d-depozitu li l-konvenut ghamel ghall-hlas ta` dawn il-parts mhux vis-à-vis l-istess parts izda vis-à-vis l-invoice 7343 u ghalhekk anki l-istess attur go mohhu dahhalha li l-bejgh kien qed jigi kkancellat u ghandu dritt jesigi hlas biss ta` dawk il-parts li gew attwalment ikkonsenjati kif fuq premess.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha kif ser jinghad:

- Invoice 7343 hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) naqqas xoghlijiet skond l-ircevuta tal-konvenut tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm30.50c), bilanc erba` mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm477.50c).
- Ma` dan wiehed irid izid is-somma ta` erba` mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472) skond invoice numru 8617, u
- fir-rigward ta` invoice 7109 l-attur ghandu jithallas tal-*pulley* u l-*mountings*, cjoe` total ta` disghin lira Maltin (Lm90) biex b'hekk jigi total ta` elf u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,039.50c).

Minn din is-somma wiehed ghandu jnaqqas is-somma ta` hames mitt lira Maltin (Lm500) li huwa ammess miz-zewg partijiet li attwalment hallas biex b'hekk jigi bilanc ta` hames mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm539.50c).

Minhabba l-premess ghandu jkun hemm temperament ukoll fuq il-kap ta` l-ispejjez skond ir-rebh u t-telf tal-partijiet.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` hames mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm539.50c) bl-imghax mid-data tan-notifika ta` l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal 6/7 ghall-konvenut u 1/7 ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------